Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

15 ta' Mejju 2015

**It-Tmienja u Tletin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa ser ssir nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju 2015 fis-7.15pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal Servizz ta' Ġbir tal-Iskart Domestiku Mħallat
6. Baġit u tħejjijiet għall-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ
7. Baġit u tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin
8. *Bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-beraħ
9. Sejħiet għall-offerti b'rabta ma' kuntratti li ser jiskadu:

   (a) Servizz ta' *accountant*;

   (b) Provvista ta' *dense coated mixes*;

   (c) Provvista ta' konkos;

   (d) Servizz dwar iż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

D:\Council Agendas\7th Council\Agd7_38.docx

# MOZZJONIJIET

## 6. Mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku C. Bartolo illi tgħid:

"Billi l-kuntratt li jipprovdi għall-Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat, li l-Kunsill kellu ma' Velljo Services, skada fil-31 ta' Diċembru 2014, filwaqt li saret sejħa għall-offerti (1/2015) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);

Billi t-tliet offerti li saru ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board* skont il-kriterji stabbiliti minn qabel fid-dokument tal-offerta, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skont il-minuti tat-18 ta' Mejju 2015;

Billi fis-seduta Nru. 37 tal-20 ta' Mejju 2015, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat l-Ittra ta' Aċċettazzjoni lill-offerenti Velljo Services, filwaqt li l-offerenti l-oħra ġew notifikati bl-istess deċiżjoni;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt li jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-1 ta' Lulju 2015, bir-rati inklużi fl-offerta mitfugħa minn Velljo Services fit-8 ta' Mejju 2015.". (K/6/2/Vol V)

C. Bartolo – Viċi Sindku
Proponent

E. Bartolo – Kunsillier
Sekondant